# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 471/20 FDP**

Fl-ismijiet

**Logical Letting Ltd**
**(C 93098)**

**Vs**

**TACA Insaat Ve Ticaret A.S.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Ġunju 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti tinsab kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' ħames mija u sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro (€527,328), oltre l-imgħaxijiet legali, bilanċ tal-prezz ta' alloġġ, ikel, trasport u servizzi relatati, kif jidher dettaljat fl-statement anness u mmarkat Dokument A.*

    2. *Illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont hekk dovut minnha, u minkejja li ma tikkontestax li din is-somma hija dovuta, din baqgħet ma ħallsitx.*

> 3. *Illi jeżistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap 12) sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ tagħha billi d-dejn fuq imsemmi huwa ċert, likwidu u skadut u, fil-fehma tal-esponenti s-soċjeta' konvenuta ma għandha ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-ammont imsemmi.*
>
> *Għaldaqstant, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni li tirriżulta meħtieġa skond il-liġi, għar-raġunijiet premessi u dawk kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:*
>
> *(i) tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża għat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u*
>
> *(ii) konsegwentement tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-esponenti s-somma ta' ħames mija u sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro (€527,328), oltre l-imgħaxijiet legali, bilanċ tal-prezz ta' alloġġ, ikel, trasport u servizzi relatati, kif fuq spjegat.*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' Sekwestru numru 622/2020 preżentat fil-5 ta' Ġunju, 2020 u bl-imgħaxijiet kummerċjali, inklużi dawk dovuti skond il-liġi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-soċjeta' konvenuta, li tibqa' nġunta minn issa għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-21 ta' Jannar 2021, s-soċjeta' intimata, tramite ir-rappreżentant tagħha Melih Murat Kizilcelik, ippreżentat nota fir-Reġistru fejn ammettiet it-talba kif dedotta.

3. Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2021, l-istess Melih Murat Kizilcelik, bħala rappreżentant tas-soċjeta' intimata, deher debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu, w għal darba oħra kkonferma l-ammissjoni tas-soċjeta' intimata.

4. Rat illi, in vista ta' tali ammissjoni, il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

5. Rat illi, għalhekk, ma hemm ebda raġuni għaliex it-talba attriċi, kif dedotta, ma tintlaqax.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, għalhekk, tiddeċiedi w taqta' l-vertenza billi :

**Tikkundanna** lis-soċjeta’ konvenuta TACA Insaat Ve Ticaret A.S. tħallas lis-soċjeta’ rikorrenti Logical Letting Limited is-somma ta' ħames mija u sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro (€527,328), bħala bilanċ tal-prezz ta' alloġġ, ikel, trasport u servizzi relatati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru numru 622/2020 preżentat fil-5 ta’ Ġunju, 2020 u bl-imgħaxijiet kummerċjali, inklużi dawk dovuti skond il-liġi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-soċjeta’ konvenuta.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**